## Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Ġunju 2015 – WeserWind vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-173/14)** [1]

***("Għajnuna mill-Istat — Miżuri adottati mill-Ġermanja favur l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u favur impriżi li jagħmlu użu intensiv tal-enerġija — Deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE — Adozzjoni tad-deċiżjoni finali sussegwentement għall-preżentata tar-rikors — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2015/C 294/61)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* WeserWind GmbH Offshore Construction Georgsmarienhütte (Bremerhaven, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Höfler, C. Kahle u V. Winkler, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Maxian Rusche u R. Sauer, aġenti, assistiti minn C. Renner, avukat)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA (rappreżentanti: inizjalment X. Lewis, M. Schneider u A. Steinarsdóttir, sussegwentement X. Lewis, M. Schneider, M. Moustakali u C. Perrin, aġenti)

### Suġġett

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2013) 4424 final, tat-18 ta' Diċembru 2013, li tiftaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE fir-rigward tal-miżuri implementati mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja favur l-elettriku minn sorsi rinnovabbli u favur l-utenti l-kbar tal-enerġija [Għajnuna mill-Istat SA. 33995 (2013/C) (ex 2013/NN)].

### Dispożittiv

1) *Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors ineżami.*

2) *Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal intervent imressqa minn Flachglas Torgau GmbH u Saint-Gobain Isover G+H AG, minn Kronotex GmbH & Co. KG u Kronoply GmbH, minn Bayer MaterialScience AG, minn Sabic Polyolefine GmbH, minn Ineos Manufacturing Deutschland GmbH, Ineos Phenol GmbH u Ineos Vinyls Deutschland GmbH, kif ukoll minn Advansa GmbH, Akzo Nobel Industrial Chemicals GmbH, Aurubis AG, CBW Chemie GmbH, CFB Chemische Fabrik Brunsbüttel GmbH & Co. KG, Clariant Produkte (Deutschland) GmbH, Dralon GmbH, Hahl Filaments GmbH, Messer Produktionsgesellschaft mbH Siegen, Messer Produktionsgesellschaft mbH Salzgitter, Nabaltec AG, Siltronic AG u Wacker Chemie AG.*

3) *WeserWind GmbH Offshore Construction Georgsmarienhütte għandha tbati l-ispejjeż tagħha u dawk tal-Kummissjoni Ewropea, inklużi dawk marbuta mal-proċedura għal miżuri provviżorji.*

4) *L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

---

[1] ĠU C 142, 12.5.2014.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Ġunju 2015 – Dieckerhoff Guss vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-174/14)** [1]

***("Għajnuna mill-Istat — Miżuri adottati mill-Ġermanja favur l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u favur impriżi li jagħmlu użu intensiv tal-enerġija — Deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE — Adozzjoni tad-deċiżjoni finali sussegwentement għall-preżentata tar-rikors — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2015/C 294/62)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Dieckerhoff Guss GmbH (Gevelsberg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Höfler, C. Kahle u V. Winkler, avukati)